



Brussell, 16 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

10092/25  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0284 (COD)

---

ENV 502  
ENT 95  
MI 370  
CODEC 778

**NOTA**

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolaritā għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u li jħassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE - Approċċ ġenerali = Dikjarazzjoni

**DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA**

Il-Finlandja tapprova l-aproċċ ġenerali u tappoġġa l-objettivi tar-regolament li jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fl-industrija tal-karozzi u jiġuraw trattament ambjentalment sostenibbli tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Filwaqt li l-aproċċ ġenerali jipprovdi bażi tajba għal aktar negozjati bejn il-koleġiżlaturi, aħna nissottolinjaw l-importanza tal-kwistjonijiet t'hawn taħt fin-negozjati li ġejjin.

L-ewwel nett, jiddispjaċina li t-test ma jippermettix lill-Istati Membri jirregolaw il-fatt li l-faċilitajiet tat-trattament awtorizzati jistgħu jiġbru u jittrattaw vetturi li ma għadhomx jintużaw fkaż biss li jkunu kkonkludew kuntratt ma' produttur jew organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi. Dan huwa essenzjali għalina peress li l-iskema attwali tagħna ta' responsabbiltà estiża tal-produttur li tiffunzjona tajjeb hija bbażata fuq dan ir-rekwiżit u tippermetti t-traċċabbiltà tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-parts tagħhom mill-konsenja sat-tqattigħ.

It-tieni nett, ninsabu kuntenti li l-mekkaniżmu tal-allokazzjoni tal-kostijiet għall-vetturi li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru ieħor żviluppa fid-direzzjoni t-tajba matul in-

negożjati. Madankollu, għadna mħassbin dwar l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu u l-piż bla bżonn li dan jikkawża lill-produtturi u lill-awtoritajiet.

Fl-aħħar nett, nенfasizzaw il-ħtieġa li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet relatati mal-penali biex jiġi żgurat infurzar effettiv tar-regolament.

---